MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 565/2002/1

**Brownrigg Supplies & Services Limited**

**vs**

**Cusimano Silver Industry Limited u b'digriet tal-4 ta' Marzu 2003 l-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-istess socjeta` "Cusimano Silver Industry Limited" stante li din is-socjeta` m'ghandhiex rapprezentant residenti Malta**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' hdax-il elf u disa' liri

Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm11,009.31), rapprezentanti l-valur ta’ “supply and installation of electrical and mechanical material” provduti u esegwiti mis-socjeta` attrici favur is-socjeta` konvenuta fil-fabbrika Numru A44a, Industrial Estate, Marsa, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuta (Dok. “BR1” anness mac-citazzjoni);

Illi llum dan il-kreditu tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti fl-Artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh billi fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghal hlas ta’ l-imsemmi ammont (Dok. “BR2” anness mac-citazzjoni);

Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas, inkluza ittra ufficjali datata 3 ta’ April, 2002, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lis-socjeta` attrici;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hdax-il elf u disa’ liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm11,009.31), rapprezentanti l-valur ta’ “supply and installation of electrical and mechanical material” provduti u esegwiti mis-socjeta` attrici favur is-socjeta` konvenuta fil-fabbrika A44a, Industrial Estate, Marsa, fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 3 ta’ April, 2002, u tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju Nru. 967/02, u bl-imghax legali dekorribbli mis-16 ta’ Novembru, 2002, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Joseph Pavia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm deher kuratur ghas-socjeta` konvenuta, ma ntwerietx raguni ghala s-sentenza m'ghandhiex tinghata llum.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------